MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 593/2008

**Av. Peter Fenech bhala mandatarju specjali ghas-socjeta` estera Sony Ericsson Mobile Communications AB.**

**vs.**

**Dr. Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Lialina Buhagar li b'digriet tat-18 ta' Lulju 2008 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti socjeta' esportatrici Guangzhou Junwei Commertial Trade Develop Co. Ltd u lill-kunsinjatarju Noured Services S.A.R.L.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Dottor Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Sony

Ericsson Mobile Communications AB datat 9 ta' Gunju 2008 a fol 1 tal-process fejn ppremetta: -

Illi s-socjeta` rikorrenti Sony Ericsson Mobile Communications AB hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati bhala *Community Trademarks* u *Community Designs*, mal-*Office for Harmonization in the Internal Market* ta' l-Unjoni Ewropea: (a) s-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY', liema dritt gie registrat l-ewwel darba fit-27 ta' Marzu 2002 u moghti n-numru ta' registrazzjoni E2634632 (Dok. "SEMC 1"); (b) l-kelma 'ERICSSON' liema dritt gie registrat l-ewwel darba fit-13 ta' Jannar 2000 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 001459130 (Dok. "SEMC 2") mis-socjeta` estera Telefonaktiebolaget L M Ericsson u li awtorizzat lis-socjeta attrici Sony Ericsson Mobile Communications AB sabiex tipprocedi kontra kull vjolazzjoni tad-dritt ta' proprjeta` intelletwali skond l-affidavit datat 14 ta' Novembru 2006 (Dok. "SEMC 3");

Illi fit-tlettax (13) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008) r-rikorrenti *nomine* gie nfurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru JAYU 1083467 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur M/V VANILLE liema *container* kien fih total ta' sitt elef (6000) accessorju tal-*mobiles* senjatament elfejn (2000) *headsets* u erbat elef (4000) batteriji (Dok. "SEMC 4") kollha bis-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY' u bil-kelma 'ERICSSON' anke fuq l-istess ippakkeggjar tal-accessorji tal-*mobiles*, u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta' proprjeta` intelletwali;

Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti *nomine* jirrizulta li l-accessorji tal-*mobile* nkluz l-ippakkeggjar tal-istess accessorji hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana huma fil-fatt kontraffazzjonijiet ghar-raguni li fihom is-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY' u l-kelma 'ERICSSON' u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' Sony Ericsson Mobile Communications AB, u ghalhekk

jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ propjeta` intelletwali ta’ Sony Ericsson Mobile Communications AB;

Illi r-rikorrenti *nomine* talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta (Dok. “SEMC 5”) sabiex *a tenur* tal-**artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta** huwa jipprocedi civilment ghall-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta;

Illi din il-merkanzija nqabbdet mill-Port Hieles ta’ Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa Noured Services SARL ta’ 17, Place Pasteur Res. Pasteur Build 6eme Etage Apt 5 Q Des Hopitaux, Casablanca, Maroc u dan skond dak citat fil-polza ta’ taghbija numru UH 2124088 (Dok. “SEMC 6”);

Illi, l-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 4 tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta’ Malta**, kif ukoll ta’ l-**artikolu 10(2)(b) ta’ l-Att Dwar it-*Trademarks* (Kap 416)** u huma azzjonabbli b’applikazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-**artikoli 14 -19** tal-istess **Kap 416** u l-**artikoli 7** u **8** tal-istess **Kap 414**;

Illi s-socjetajiet rikorrenti ghandhom kull interess li jippromwovu din l-azzjoni gudizzjarja sabiex jikkawtelaw u jenforzaw l-jeddijiet taghhom;

Illi ghalhekk l-istess socjeta attrici talbet li l-entitajiet konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f’accessorji tal-*mobile* li fuqhom u fuq l-ippakkeggjar hemm s-simbolu msejjah ‘LIQUID IDENTITY’ u l-kelma ‘ERICSSON’ u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru JAYU 1083467 kontenenti l-imsemmija accessorji tal-*mobile*, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta’ proprjeta` intelletwali tas-socjeta rikorrenti Sony Ericsson Mobile Communications AB, fir-rigward tat-*trademarks* taghha: s-simbolu msejjah ‘LIQUID IDENTITY’ moghti n-numru ta’ registrazzjoni E2634632 (Dok.

SEMC1); u l-kelma ERICSSON liema dritt gie registrat l-ewwel darba fit-13 ta' Jannar 2000 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 001459130 (Dok. SEMC2), u dan okkorrendo bin-nomina ta' esperti nominati ghal dan il-fini;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali accessorji tal-*mobile* 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-accessorji tal-*mobile*, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez ta' l-intimati;

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u t-tielet talbiet tas-socjetajiet rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport ta' l-imsemmija accessorji tal-*mobile* ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez kollha dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana mill-bidu ta' l-iproceduri, kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta' distruzzjoni inkluz l-ispejjez kollha inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess accessorji tal-*mobile*.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentatat tar-rikorrenti *nomine* a fol. 3 u 4 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda (fol. 4) u sitt dokumenti li huma esebiti u mmarkati minn Dok. "SEMC 1" sa Dok. "SEMC6" kif jidhru a fol. 6 sa fol. 18 tal-process.

Rat id-digriet datat 18 ta' Lulju 2008 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-entita' intimata.

Rat li dan ir-rikors giet appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-3 ta' Dicembru 2008, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` rikorrenti sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta' l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti

jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata l-1 ta' Dicembru 2008 (fol. 36) fejn ecceppew li:-

1. Illi preliminarjament, l-esponenti mhuwiex edott mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu r-risposti tgahhom fid-dettall fi stadju ulterjuri meta jikkomunikaw mas-socjetajiet assenti konvenuti;

2. Illi ghal dan l-iskop kitbu lill-avukat tas-socjeta` attrici sabiex jinghataw kull informazzjoni inkluz indirizzi tas-socjetajiet konvenuti;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, irid jigi ppruvat lil-affarijiet kollha indikati fir-rikors guramentat huma kontrafatti u/jew jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta` intelletwali tas-socjeta` attrici;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, irid jigi ppruvat illi l-affarijiet mertu ta' din il-kawza gew realment ordanti mis-socjeta` konvenuta Noured Services S.A.R.L.;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost id-dokumenti annessi mar-rikors promotur iridu jkun originali jew awtentika;

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista ta' xhieda u dokument anness tal-istess kuraturi a fol. 37 - 39 tal-process.

Rat in-nota tar-rikorrent Dr. Peter Fenech *nomine* datata l-1 ta' Ottubru 2008 a fol. 29 tal-process li biha esebixxa l-affidavit tieghu stess; u l-affidavit tal-ufficjal tad-Dwana George Agius flimkien ma' rapport tas-socjeta` rikorrenti datat 30 ta' Gunju 2008.

Rat il-verbali tas-seduti datati 3 ta' Dicembru 2008 u tal-15 ta' Jannar 2009 fejn fl-ahhar seduta l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Jannar 2009.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi mill-provi prodotti nkluzi d-dokumenti esebiti mar-rikors promotur u mill-affidavits ta' Dr. Peter Fenech u ta' George Agius (1 ta' Ottubru 2008) jirrizulta fil-*container* bin-numru JAYU 1083467 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur M/V VANILLE fil-15 ta' April 2008 u li infetah fil-presenza tal-ufficjali tad-Dwana fit-18 ta' April 2008 kien hemm fih total ta' sitt elef (6000) accessorju tal-*mobiles* senjatament elfejn (2000) *headsets* u erbat elef (4000) batteriji (Dok. "SEMC 4") kollha bis-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY' u bil-kelma 'ERICSSON' anke fuq l-istess ippakkeggjar tal-accessorji tal-*mobiles*, u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta' proprjeta` intelletwali peress li dehru kontrafatti u fil-fatt mill-ezamijiet li saru fuq l-istess oggetti mis-socjeta' attrici (Dok. "SEMC 5") inkluz mir-rapport datat 30 ta' Gunju 2008 (fol. 33) dan irrizulta kkonfermat u b'hekk hemm ksur tad-drittijiet tas-socjeta' attrici kif indikati fl-azzjoni attrici u nkluz ksur tad-disposizzjonijiet tad-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 4 tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta**, kif ukoll ta' l-**artikolu 10(2) (b) ta' l-Att Dwar it-Trademarks** (**Kap 416**) u huma azzjonabbli b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-**artikoli 14 u 19** tal-istess **Kap 416 u l-artikoli 7 u 8 ta' l-istess Kap 414;** jirrizulta wkoll li l-istess kontejner, bl-oggetti li kien hemm fih, nkluzi allura dawk mertu tal-kawza odjerna kienu spediti mis-socjeta' esportatrici intimata u destintata lill-intimat konsenjatarju Noured Services S.A.R.L u b'hekk it-talbiet attrici gew kollha ppruvati u ma huma bl-ebda mod kontrastati u ghalhekk qed jigu milqugha.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati biss in kwantu l-istess huma b'xi mod inkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'accessorji tal-*mobile* li fuqhom u fuq l-ippakkeggjar hemm is-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY' u l-kelma 'ERICSSON' u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru JAYU 1083467 kontenenti l-imsemmija accessorji tal-*mobile*, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta rikorrenti Sony Ericsson Mobile Communications AB, fir-rigward tat-*trademarks* taghha: s-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY' moghti n-numru ta' registrazzjoni E2634632 (Dok. "SEMC1"); u l-kelma ERICSSON liema dritt gie registrat l-ewwel darba fit-13 ta' Jannar 2000 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 001459130 (Dok. "SEMC2").

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' mija u ghoxrin (120) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi dawk l-accessorji tal-*mobile*, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez ta' l-intimati;

3. Tordna li l-intimati jbatu u jhallsu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni talba tas-socjetajiet rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport ta' l-imsemmija accessorji tal-*mobile* ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez kollha dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana mill-bidu tal-proceduri, kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta' distruzzjoni inkluz l-ispejjez kollha inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess accessorji tal-*mobile*.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------